# KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, ĦAL LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGĦA KUNSILL**

**SEDUTA NRU 39 – Il-Ħamis 29 ta' Ottubru 2015 fil-17.00hrs**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija.

| Preżenti : | | |
|---|---|---|
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Sindku |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Viċi Sindku |
| | Dr.Marc Sant | Minority Leader |
| | Is- Sur Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Isabelle Taliana | Ambaxxatrici taz-zaghzagh |

## 1. INTRODUZZJONI

1.1 Il-laqgħa bdiet fil 5.00p.m. b'introduzzjoni mis-Sindku. Is-Sindku stiednet lill-Kunsilliera jekk għandhomx xi korrezzjonijiet tal-minuti nr 38

1.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia għamlet korrezzjoni fuq nr 3.2 fejn trid tiżdied li fi Triq il-Maħlut, Triq Dun Ġużepp Tanti, Triq Egidio Lapira u Triq Salvu Mifud li bħalissa l-parking qed isir bl-addoċċ fil-kantunieri f'xi toroq.

1.3 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar għamlet korrezzjoni oħra fuq 2.1 fejn il-problema tal-parking mhux biss huwa n-naħa fejn toqgħod hi imma r-raħal kollhu.

1.4 Peress li ma kienx hemm aktar korezzjonijiet, fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondata mis-Sur Massimo Scerri, minuti nr 38 tat-23 ta' Settembru 2015 ġew approvati unanimament

## 2. ARISING

2.1 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar resqet ilment li mal-ħajt tas-sejjieħ fl-għalqa tal-baqar hemm bżonn li jinqata l-ħaxix. Il-ġardinar għandu jiġi nfurmat b'din il-biċċa xogħol.

2.2 Is-Segretarju staqsiet jekk hemmx xi klarifikazzjoni fuq il-feedback li hija baghtet tal-minuti.

2.3 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar reġgħet ilmentat fuq problema tal-parking. Is-Segretarju nfurmat li mill-uffiċċju qed nitkellmu kważi kuljum mal-Pulizija li kważi dejjaqniehom, fuq il-problema. Huma jafu b'din il-problema anke mir-residenti stess u qed jiġu jissorveljaw u anke qed jagħtu ċitazzjonijiet. Tant u hekk li xi residenti qed jiġu l-uffiċċju, iħallsu ċitazzjonijiet u jilmentaw biex inħalluhom b'kwiethom u nħalluhom jipparkjaw għax m'hemmx post ieħor assolutament fejn jipparkjaw. Kunsilliera qalet li ħdejha mhux qed jagħtu ċitazzjonijiet u lanqas ħdejn il-Museum tas-subien,u ħdejn il-Grasshopper Bar.

2.4 Is-Segretarju nfurmat li għadna qed nistennew risposta mill-kumpanija LESA fuq ir-request li għamilna biex inġibu wardens filgħaxija il-Ġimgħa, s-Sibt u l-Ħadd. Huma għandhom jagħtuna r-rata ta' kemm ser jiċċarġjawna. Is-Segretarju aċċertat li qed isiru *follow-ups* fuq din u ser ikomplu jsiru.

2.5 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant u s-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsew kemm qed nirċievu ċitazzjonijiet kuljum.

2.6 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet jekk konniex irraportajna dik il-karozza li qed tipparkja fuq double yellow line fi Triq G. Portelli. Is-Segretarju nfurmat li rċevejna lment ieħor bir-ritratti fuq dan il-kas u irraportajnieh lill-Pulizija u l-Gwardjani Lokali.

2.7 Il-Minority Leader staqsa fuq id-deleantors, is-Segretarju qalet li dawn ġew ordnati u qalet ukoll li Transport Malta m'għadhomx jagħtu permessi għall-bollards iktar.

2.8 Il-Minority Leader staqsa fuq il-bankina ta' ħdejn il-Grasshopper Bar. Hawnhekk kienet saret talba sabiex din il-bankina titwessa ftit. Mill-feedback tal-minuti jidher li kien inghata parir li biex titranga din il-bankina jkollhom jintilfu l-parking spaces eziztenti. Il-Minority Leader insista li dan mhux li kien intqal meta kien mar on site ma' Clayton hafna xhur ilu u li hu zgur li mhuwiex favur li jintilfu l-parking spaces. Hu qal li l-problema huwa l-parking hazin (ta' karozza wahda) li jsir barra l-kaxxi mmarkati ezatt quddiem il-bieb ta' dan il-bar. Ix-xewqa hija li l-bankina tigi rrangata b'tali mod li dan il-parking hazin ma jkunx jista' jibqa jsir.

2.9 Fuq loading and unloading tad-delivery vans f'din it-triq, is-Segretarju nfurmat li dawn ma ġewx approvati mit-TM. Ġie deċiż li għandna nitolbu lil għaqdiet il-ħinijiet u l-ġurnata għall-loading u unloading u nippreparaw notices ta' 'No Parking' kull ġimgħa.

2.10 Is-Segretarju nfurmat li Transport Malta approvaw Motor Cycle Bayfuq ritratt fi Triq Giuseppe Cali. Hija kompliet tgħid li marret 'on site' u skond hi dan il-Motor Cycle bay

ma jistax isir għax kif iduru l-karozzi għal ġo triq isibu l-mutur ipparkjat. Il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk dan isirx jew le. Hija qalet li t-TM dejjem qed jiddeċiedu fuq ritratti. Ġie deċiż li nerġgħu napplikaw għal motor Cycle Bay u din id-darba minbarra ir-ritratt nibgħatulhom ukoll il-kejl tal-wiesa' ta' triq.

2.11 Il-Minority Leader staqsa fuq fejn waslet it-tender ta' *re-surfacing* ta' Triq Giuseppe Cali. Is-Segretarju nfurmat li t-tender ittieħdet imma x-xogħol għadu ma sarx għax issa hemm xi xogħol tal-Gvern urgenti li irid isir.

2.12 Is-Sindku staqsiet fuq il- *Walking Line* ta' Triq il-Kbira. Is-Segretarju nfurmat li dan il-*walking line* ġie approvat mit-Transport Malta u dan ġie ordnat li jsir mill-Koptasin.

2.13 Is-Sindku staqsiet ukoll fuq il-bollards li kienu talbu l-Univesity Residence biex jitwaħħlu No Parking Signs quddiem il-bieb tal-garage tal-Laundry. Wara li l-Kunsill approva dan ir-request staqsew jekk jistgħux jitolbu single yellow line minflok għax raw li minħabba l-bollards, il-karozza tal-linja ma tkunx tista tgħaddi. Il-Kunsill approva dan ir-request u għandha tinbagħat lit-TM għall-approvazzjoni.

2.14 Il-Minority Leader staqsa fuq il-bollards ta' Mosta Road c/w Triq Preziosi. Is-Segretarju nfurmat li dawn ġew approvti mit-TM. Hija qalet li dawn ser isiru f'Mosta Road li hija triq arterjali allura intbagħtet request lit-TM biex jagħmluhom huma. Ms.Audrey TestaFerrata De Noto irrispondet li la r-request sar mingħand il-Kunsill dawn għandhom isiru mill-Kunsill. Fl-istess waqt intbagħat request lis-Sur Charles Muscat tat-TM. Huwa qal li din intbagħtet biex din tiġi implimentata.

## 3. ADJUDIKAZZJONI TAT-TENDER – UPKEEP, CLEANING AND MAINTENANCE PUBLIC CONVENIENCE

3.1 Is-Segretarju poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill it-tenderers li applikaw li huma :
Mr. Matthew Attard
W.M. Environmental Ltd.
Mr. Carmel Desira
Ms Carmen Desira
Mr. Carmel Mazzitelli
Mr. George Axisa

Wara li l-Kunsilliera evalwaw dawn it-tenders u raw li kollox huwa kif suppost, il-Kunsill unanimament iddeċieda li jintagħżel l-orħos wieħed dak tas-Sur Carmel Desira. Għandha tintbagħat il-*Letter of Acceptance* lilhu u *letter to bidders* lil oħrajn. Bħas-soltu hemm ħdax il-ġurnata ċans biex isir xi oġġezzjoni mingħand il-*bidders* l-oħra.

## 4. VIP LIST

4.1 Is-Segretarju poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill kont mingħand l-ARMS fuq is-soft area għal l-ammont ta' €381.71 u kont ieħor tal-*missing meter* li jammonta għal €1,500.00. Ic-cheque fuq dan il-pagement kien tlesta mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv imma qatt ma ntbagħat. Il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk jaqlax il-meter tas-Soft area jew le peress dan suppost mhuwiex jintuża. Ġie deċiż li għandna nitolbu breakdown ta' dawn iż-żewġ

kontijiet. Fuq il-missing meter għandna nieħdu il-parir tal-Avukat ukoll peress li ilu *missing* ħafna snin ilu.

4.2 Resident jixtieq li jsir xi ħaġa fi Triq Ġeraldu Azzopardi rigward il- parking li hemm ħdejn il-garaxxijiet. Dan għaliex minħabba li l-garaxx tiegħu qiegħed fil-kantuniera u viċin tal-garaxx hemm xi *parking bays*, għandu problema li bil-karozzi ipparkjati li jkun hemm la jkun jista' jdawwar biex jidħol sew u lanqas jkun jista' joħroġ. Fost dawn il-parking bays li qegħdin itelfu hemm reserved parking li ma jintużax minn resident li miet. Din ir-reserved parking ser titneħħa għaliex hija wahda fost dawk it-tnejn li bagħtna lil Koptasin. Biex il-problema tisolva minflokk dan ir-reserved parking ma jerġax isir parking u jsiru xi double yellow lines biex il-parkeġġ jibqa' free u r-resident ikun jista joħroġ bil-van. Din ġiet approvata mill-Kunsill u għandha tintbgħat lit-TM għal l-approvazzjoni.

4.3 Residenti li joqgħodu fi Triq Sir Ugo Mifsud nru.65 qed jkollohom problemi meta tkun ix-xita. Minħabba li l-bankina dejqa meta jgħaddu l-karozzi viċin tal-bankina jtajru l-ilma u qed jidħolhom ħafna ilma ġewwa fid-dar. Huma qal li l-ewwel kamra ta' fejn il-bieb tkun mimlija ilma. M'hemm xejn li jista jilqa l-ilma li jtir. Huma qed jitlobu biex jew (A) titwessa il-bankina u biex jkun hemm fejn titwessa din il-bankina, it-triq jkollha isir one way (B) jkunu jistgħu jieħdu l-permess jagħmel grada fuq il-bankina biex tilqa l-ilma (C) il-Kunsill jagħmel bollard quddiem il-bieb biex tilqa l-ilma. Minn barra din il-problema tal-ilma hemm problema ta' periklu, għax il-bankina dejqa ħafna u faċli jsir xi aċċidenti għax il-karozzi jafsu mal-biċċa bankina li hemm u jolqtu lin-nies. Il-Kunsill qal li l-bankina żgur ma tistax titwessa. Ġie deċiż li jsir panew temporanju bħala m'hemm ħdejn il-bus stop. Is-Sindku qalet li jista jkun hemm xi caqliq fil-'One Ways' bil-pjan li għandu l-Kunsill. Hija qalet li hija urġent f'dan l-istadju li ssir il-laqgħa mar-residenti biex inressqu il-pjanti li ħejjiet Profs. Maria Attard. Is-Sindku kompliet tgħid li Profs. Attard qed tisuġerixxi li din il-laqgħa ssir fil-ġimgħa ta' 23 ta' Novembru 2015. Is-Sindku għandha tiffowerdja e-mail li irċeviet mingħand Dr. Maria Attard.

4.4 Il-Percius u residenta li toqghod fi Triq Giuseppe Cali qed jitolbu tnejn li huma bollards fuq id-double yellow lines fi Triq G.Cali quddiem il-garage tagħhom għax xorta qed jipparkjaw il-karozzi u qed jkollhom xi jgħidu speċjalment ma' nies li jħallu il-karozza hemm biex imorru l-ground. Ġie deċiż li tintbaghat ittra lill-President tal-Football ta' Ħal Balzan biex javża biex il-garaxxijiet tar-residenti ma jiġux iblokkjati.

4.5 Tressqet kwotazzjoni għal-kumplament ta' l-uniformi ta' Pamela li huma l-blazer, 2 qomos ta' xitwa u l-jersey. Quotation Pamela's Winter Uniform – Blazer, V neck Jersey, 2 Longsleeves shirt – għat-total ta' €170.23 euros. Din ġiet approvata unanimament.

4.6 Il-Kunsill Lokali kien għamel request li TM b'e-Form li wara li saret il-bankina fi Triq Agostino Portelli jsiru double yellow lines jew Parking Signs tul din il-bankina. Pero minn meta saret had ma' baqa jiparkja ma' dik in-naħa u għalhekk qisna ħa nagħmluhom għal xejn. Il-Kunsill qabel li ghalissa dawn ma jsirux.

4.7 Request mingħand diversi residenti biex fuq iz-zuniter minn naħa tax-xellug terġa titwaħħal lampa bħal ma kien ikun hemm għax qed ikun hemm ħafna dlam. Ġie deċiż mill-Kunsill li ssir applikazzjoni ma' l-EneMalta biex isir lampa fuq pole li kien hemm diġa jew isiru flood lights mal-pole eżistenti fuq quddiem. Kunsilliera issuġeriet li nogħllu l-wattage tal-lampi imma s-Segretarju nfurmat li l-lanterns li għandna ma jifilħux għal wattage iktar qawwi. Ġie ssuġerit li nieħdu l-parir ta' l-ESS fuq dan. Kunsilliera tixtieq li nagħtuha majka tal-fanali biex naraw x'jista jsir biex jew tindaf jew isir tal-ħġieġ.

4.8 Waste Reduction Week – Il-Green Pak ser jiġbru ħwejjeġ użati mill-Kunsill, fil-ġimgħa tal-Waste Reduction Week. It-talk, fuq kif jistgħu isiru il-cribs bir-recycling waste ser issir fit-10 ta' Novembru allura din it-talk ma tistax tidħol bħala parti mill-programm tal-Waste

Reduction Week. Iktar tard ser isir avviż il-kappillan, ħwienet etc li ser isiru tlett kompetizzjonijiet tal-presepji bi tlett premijiet kull sezzjoni.

a. Kompetizzjoni għall-aħjar presepju fl-iskola
b. Kompetizzjoni għall-aħjar presepju fit-twieqi
c. Kompetizzjoni għall-aħjar presepju għat-tfal tal-MUZEWM subien u bniet

Il-presepji ser jiġu iġġudikati minn min ser jagħti t-talk.
L-applikazzjoni għal Waste Reduction Week għandha ssir sa 2 ta' Novembru 2015. Id-dati tal-kollezzjoni tal-ħwejjeġ għandhom isiru minn nhar it- Tnejn 23 ta' Novembru sal-Ġimgħa 27 ta' Novembru.

4.9 Resident qed jerġa jistaqsi għalfejn il- linji sofor (double yellow lines) li hemm fil- bidu ta' Triq il-Kunċizzjoni Sqaq nru 1 wieħed ma tkomplewx. Dawn id-double yellow lines huma approvati mit- TM biex jsiru imma ma tkomplewx. Ir-residenti iridu risposta fuq dan. Ġie deċiż li hemmhekk isir biss refreshing ta' yellow lines jekk hemm u ma jsirux lines ġodda.

4.10 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill estimi għal *patching works*. Il-Kunsill irid jiddeċiedi liema *patching* ser jinbeda l-ewwel. Kulħadd qabel li għandna nibdew mit-trinka ta' Triq Annibale Preca u nkomplu mexjin. Patching ieħor ser isir fi Triq Sir Ugo Mifsud, Triq Daniel Sammut, Triq is-Salvatur, Triq Il-Kuncizzjoni ħdejn il-muzewm, Triq Ħal Bordi u Triq Pantar. Stima bejn wieħed u ieħor tammonta għal €6879.03. Is-Segretarju qalet li dawn huma *estimates* allura jistgħu jiġu xi ftit iktar speċjalment jekk idumu ma jsiru. Fuq Pantar Road għad iridu nitkellmu.

4.11 Il-ħaddiema tal-Kunsill jistgħu jagħmlu *patching* ta' żewġ toqob kbar ħdejn l-Old Motors Club Triq Is-Salvatur c/w Triq d-Dejqa, ħdejn il-Knisja tal-Miraklu l-isfel anke fi Triq Annibale Preca iktar l-isfel hemm żewġ toqob 6". Irridu nkomplu ninsistu biex ir-resident li kellu jagħmel il-patching fi Triq ta' Sejduna jagħmlu għax it-triq għada miftuħa u qeda fi stat ħażin ħafna.

4.12 Is-Segretarju tkellmet fuq il-Binja tal-Kunsill fejn il-Kunsill irid jiddeċiedi fuq liema site il-Kunsill ser jiddeċiedi biex japplika għad devoluzzjoni ta' l-art. Il-Kunsill iddeċieda li japplika għal l-ewwel waħda li hu kien iddeċieda fuqha dik it-site' ħdejn it-taraġ fiċ-Ċentru Rekreattiv. Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li s'issa il-Banif Bank u BOV irrispondew fin-negattiv. Għandna l-ewwel net issir l-applikazzjoni għad-devoluzzjoni biex inkunu nistgħu ninsistu ma' l-entitajiet l-oħra bħas-Social Services u l-Posta.

4.13 Attivita ta' Father Christmas – l-ispejjes tas-sena l-oħra kienu għaż-żiemel u l-carriage €147.50, l-ispejjes għall-flyers €124.95, ħallasna lil min iqasam il-flyers €40.00 u €24.00 lil min mar idur ma' Father Christmas. L-Ammont totali ta' l-attivita kollha ġie jiswa **€336.45.** Is-sena l-oħra iċarġjajna €2.00 għal kull household . Kellna 41 households, allura il-Kunsill daħħal €82.00. Il-flyer għandha ssir bħas-soltu lill-għaqdiet, ħwienet, face book etc u niktbu li min hu interessat għandu jiġi l-uffiċċju biex jieħu formola. Għandna ukoll ngħidu lill-Headmistress biex tavża lill-ġenituri ta' l-iskola. Ġie deċiż li niċċarġjaw €2.00 kull tifel jew tifla irrelevant kemm ikollha rigali. Ġie deċiż li l-attivita' ssir nhar it-Tnejn 21 ta' Diċembru 2015 fl-4.30p.m. Is-Sinjorina Stephanie Cutajar ser takkompanja lill-Father Christmas bil-van tal-Kunsill. Jekk is-Sinjorina Stephanie Cutajar ma' tkunx tista tattenti għal din l-attivita, il-Minority Leader ser idur hu ma' Father Christmas. Din l-attivita' ser tieħu ħsiebha s-Sinjorina Lorraine Farrugia u fl-istess flyer ser navżaw li ser isiru ukoll Cinema Day fit-19 ta' Diċembru 2015. Dettalji għal din l-attivita' iktar il-quddiem.

4.14 Residenta li toqgħod fi Triq il-Forn nru. 43 qed titlob biex jitneħħew id-double yellow lines li hemm quddiem dar nru. 45. Hija għandha l-garaxx eżatti fejn din id-dar 45 u meta jiġu biex jipparkjaw il-van quddiem il-garaxx ma jkunux jistgħu joqgħodu sew. Ir-residenta spjegat li bejn il-kaxxa l-bajda li hemm u bejn dawn id-double yellow lines diffiċli biex joqgħod kollu il-van mit-tul. Għalhekk trid tneħħi d-double yellow lines għax kienet anke qed taqla ċitazzjoni għax biċċa mill-van kienet qed tkun fuq dawn id-double yellow lines,

pero id-double yellow lines ma kienux saru għaliha. Qiegħdin quddiem bieb ta' ħaddiehor. Din ir-request ma ġietx milqugħha mill-Kunsill għax fejn qiegħed il-garage, għalkemm tagħha l-anqas hemm ma' tista tipparkja.

4.15 Is-Segretarju ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill il-permess għall-Culvert works tal-Gvern li ser isir fi Triq Annibale Preca, ħdejn il-Micro Propogation Centre, biex jiġi approvat malli l-permess jiġi released. L-iskop ta' dan il-proġett li huwa financed mill-EU huma biex l-ilma kollu li kien joqgħod fi Triq Annibale Preca jinġabar kollu fil-ġibjun tal-Gvern. Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li tkellmet ma' Clayton D'Amato biex tieħu l-parir tiegħu. Huwa qal li mhuwiex fiżikament fuq il-post biex ikun jista jara pero tidher li huwa proġett tajjeb ħafna għaliex b'hekk ser jinġabar l-ilma tax-xita kollu u ma jkomplix jinżel fil-Village Core, xi ħaġa li l-Kunsill ilu igerger fuqha. Is-Segretarju tkellmet ukoll mal-Perit tal-Proġett u qaltlu li hemm huwa tarmac ġdid u biex isir reinstatement tajjeb. Il-perit qal li huma ser iqattgħu bis-sega pulit u l-istess tarmac ser jerġgħu jagħmluh. Il-Kunsill qabel li nirrileasjaw dan il-permess.

4.16 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li hija tkellmet mal-Kuntrattur li qed jaħdem fil-Moulin D'Or li huwa l-istess kuntrattur li ser jaħdem fuq il-Culvert fi Triq Annibale Preca. Hija qalet li ser ikun hemm tlett sulari ta' parking taħt id-dar ta' l-anzjani. Hija qaltlu li qed jitilgħu fuq il-bankina bl-inġenji. Kunsilliera qalet li suppost qed inżommu flus bħala garanzija. Kunsillieri oħra qalu li l-permessi fuq dan il-proġett qed isiru f'Ħal Balzan. Is-Segretarju għandha titkellem mal-kuntrattur fuq il-garanzija tal-bankina peress li huwa qal li l-bankina kienet diġa miksura.

4.17 Request biex jitneħħa bank minn Triq Nicholas Cottoner u Sqaq Nru.1 fi Triq Sant'Andrija. Is-Segretarju staqsiet fejn jista jeħel dan il-bank. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia issuġerit li dan il-bank jeħel fejn il-koplu fi Triq id-Dejqa, fejn kien qabel.

4.18 Fuq il-ħajt imwaqqa f'Ta Senna, meta tkellimna mal-kuntratur li qed jaħdem ġo Villa Francia qalu li t-tender ħarġet biss biex jitranġa il-ħajt ta'ġewwa biss. Dak li nqala mill-ħajt biex ikunu jistgħu jidħlu bl-inġenji ser jerġa jsir kif kien imma ovvjament diġa ma kienx sew għalhekk il-Kunsill irid jiddeċiedi fuq dan il-ħajt forsi jifthem ma' xi ħadd ta' Villa Francia u jirranġawlna huma. Is-Segretarju għandha titkellem ma min qed jaħdem ġo Villa Francia għax jekk dan il-ħajt ser jiġi rranġat żgur mhux ser jibnuh magħweġ.

4.19 Triq Nicholas Cottoner hemm bankina quddiem il-garage ta' resident li fuq din il-bankina hemm tumbat kbira. Din saret mir-resident stess għaliex kellu diffikulta biex jidħol fil-garage tiegħu. Il-Kunsill kellmu biex din titneħħa u hekk ser jagħmel. Hu talab l-għajnuna tal-Kunsill biex isir xi ħaġa. Michael mar fuq il-post u qal biex tisolva il-problema trid tgħola l-bankina l-livell kollu u ssir rampa żgħira mill-kurduna l-isfel. Ġie issuġerit li l-bankina tgħola kollha u tiġi tapering. Michael irid jitkellem mar-resident.

4.20 Is-Segretarju resqet Claim li l-Kunsill irċieva mingħand l-Avukat tas-Sur Glenn Darmanin fuq Triq Pantar li iridu jitħallsu €300.00. Din ġiet *forwarded* lill-Avukat tal-Kunsill. L-Avukat Kris Balzan qal li din trid titħallas peress li Triq Pantar hija responsabbilta tal-Kunsill. Is-Sindku nfurmat li kien kellimha xi ħadd biex tattendi għall-laqgħa 'Il-Gvern li jisma' fil-Maritime Museum u fejn kien ser jattendi il-Ministru Stefan Buontempo. Is-Sindku għamlitha ċara ma' kulħadd li l-Kunsill mhux lest jibqa jħallas il-claims f'din it-triq u ħadd s'issa ma semana. Is-Sur Massimo Scerri qal li peress ħadd ma jrid jisma għandna ninsistu mal-Gvern biex jagħtiha t-tarmac. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia esprimit li la Triq Pantar iridu li tibqa Ħal Lija pero tiġi Triq arterjali bħal ma hi Naxxar Road. Is-Sindku Magda Magri Naudi għandha tmur din il-laqgħa u titkellem f'isem il-Kunsill. Il-Minority Leader tkellem fuq xi sinjali li kienu saru f'din it-triq li la ma sarux mill-Kunsill min kien għamilhom? Is-Segretarju tkellmet li meta tkellmet ma' Ħ'Attard ġiet magħrfa li l-Pantar Road hija biċċa ma' Ħ'Attard u biċċa ma' Ħal Lija. Filfatt iktar tagħmel mal-Mosta. Deċiżjoni fuq din il-claim ma itteħditx mill-Kunsill.

4.21 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq il-laqgħa li hi u s-Segretarju kellhom mal-Bord tal-Fondi fuq ir-request fuq l-attivita tal-Kunċert tal-Milied li l-Każin tal-Banda ser jorganizzaw fil-Milied. Is-Segretarju nfurmat li l-Kazin tal-Banda ġie nfurmat l-'outcome' ta' dik il-laqgħa li l-fondi għal l-attivita bħal din ma jagħtux peress li mhiex attivita *on a national level* hija biss attivita ta' Villaġġ. Is-Sindku kompliet tgħid li ma' dan il-Bord tkellimna fuq il-Festival taċ-Ċitru 2016 peress li din is-sena l-Kunsill ma nagħtawx fondi għal din l-attivita. L-applikazzjoni trid isir sa l-Erbgħa 25 ta' Novembru 2016. Hija qalet li l-Bord qabel li din l-attivita tista' ssir fuq livell daqsxejn nazzjonali. Hija qalet ukoll li taqbel li din issir ma' Kunsilli oħra ta' madwarna. Hija ukoll issuġerit li din issir Villa Bologna Ħ'Attard beix issir fuq skala Nazzjonali u hemm iktar ċans li jittieħdu fondi. Is-Sindku ċemplet lil Villa Bologna biex tara jekk ikunux interessati. Huma aċċetaw imma bi ħlas ta' €2000 imma idaħħal €2.00 kull persuna. Il-Kunsilliera ma qablux għax mhux sewwa iridu nħallsu għal venue u nerġgħu inħallsu għal kull min jattendi. Ħadd ma qabel li l-attivita' isir Villa Bologna tista ssir jew Villa Lia jew l-iskola. Jekk isir Villa Francia, il-promotions jagħmluhom huma. Ġie deċiż mill-Kunsill għandu jiġi ikkuntatjat Casa Sant'Cassia. Is-Sindku ser tikkunttatja lil owners ta' Casa Sant'Cassia.

4.22 Is-Segretarju tkellmet fuq il-missing file ta' Contrtacts Manager peress li il-Minority Leader staqsa fuqhu. Bħal ma ġie deċiż fl-aħħar laqgħa kellu jiġu iċċekkjat jekk il-mobile allowance tal-Contracts Maanger kien ġie approvat f'laqgħa tal-Kunsill. Hija iccekkjat il-minuti kollha imma ma sabet imkien li dan kien ġie approvat allura tkellmet mal-Contracts Manager u qaltlu li fil-pagament li jmiss ser ikollu dan l-allowance nieqsa. Hija qalet ukoll li l-Accountant il-ġdida kellmitu u staqsiethu għal kopja tad-dokumenti tiegħu pero huwa ma kellu xejn. Hija issuġeriet li jew nistennew li t-term tiegħu jispiċċa għax jonqsu sena peress li hija qalet li għalkemm ma għandux kuntratt, il-fatt li dan ġie approvat fil-laqgħa tal-Kunsill u anke għandu l-Acceptance Letter li għandha id-data ta' 10 ta' Diċembru 2013, dawn jorbtu. L-Accountant qalet li nistgħu nwaqqfu lill-Contracts manager f'Diċembru u noħorġu call oħra is-sena id-dieħla. L-iktar irridu naraw eżatt fuq liema għandu jitħallas, fuq dawk il-kuntratti li għandhom il-4% Management fees u anke jitnaqqas il-persentaġġ fuq il-ħlas ta' l-IPSL workers fejn dawn l-anqas biss jitħalsu mill-Kunsill. Xi Kunsilliera qablu li għandna inħallu s-sena tgħaddi imbagħad inwaqqfuh.

4.23 Is-Sinjorina Isabella Taliana, l-Ambaxxitriċi taż-żgħażagħ qalet li għandha sotto kumitat biex jibdew jaħsbu fiż-żgħażagħ tar-rahal u jaraw x'hemm bżonn għal Ħal Lija u jressquhom lill-Kunsill. Dawn jistgħu jiltaqgħu l-Kunsill u jew jiltaqa' magħhom min għandu id-delega taż-żgħażagħ jew tiltaqa' magħhom is-Sindku biex iressqu l-proposti għal Ħal Lija.

4.24 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet jekk hux qed jagħmel differenza l-kuntratt tal-Mobile tal-Kunsill. Dan il-mobile jintuża għal kull linja u anke landlines. Is-Segretarju nfurmat li qatt ma jaċċedi l-ammont tal-kuntratt allura żgur m'għandux għalfejn jiżdied. Hija qed tistaqsi jekk nistgħux innaqqsu l-ammont tal-kuntratt meta jagħlaq. Il-Kunsill irid jiddeċiedi fuq dan. Hija qed tisuġerixxi li meta s-Segretarju ikun bil-leave għal xi jumejn, il-mobile ghandu jibqa l-ufficcju. Is-Segretarju infurmat li meta tkun imsiefra hija tħallieh l-uffiċċju imma meta tkun xi jumejn bil-leave hija tieħdu magħha għax hija xorta waħda iċempel l-uffiċċju ħafna drabi u xorta waħda inċempel l-hawn u l-hinn fuq xogħol. Barra minn hekk, il-Kunsilliera iċemplu kull ħin fuqu anke barra l-ħinijiet tax-xogħol. Ġie deċiż li għalissa s-Segretarju tibqa kif kienet fir-rigward il-mobile tal-Kunsill.

## 5. LAQGĦA TAS-SINDKI U L-VIĊI SINDKI

5.1 Is-Sindku nfurmat li għal din id-darba mhux ser tkun tista tattendi għall-laqgħa tas-Sindki u l-Viċi Sindki u staqsiet lill-Viċi Sindku jekk hi tkunx tista tattendi. Is-Sindku għandha tawtorizza il-vot tad-delega lill-Viċi Sindku. Il-Viċi Sindku għad trid tikkonferma jekk tkunx tista tattendi.

## 6. KOMUNIKAZZJONI MILL-KUNSILLIERA

6.1 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar tkellmet fuq problema tat-tfal tal-Mużew bniet fejn il-ġenituri qed jipparrkjaw eżatt quddiem il-Museum u qed jikkaġunaw ħafna *traffic jams*, ġlied kbir u ħornijiet. Ġie deċiż li għandna nitkellmu mas-Surperjura biex tavża biex ma jsirx parking eżatt quddiem il-Mużew u ma jostakolawx it-traffiku.

6.2 Is-Sur Massimo Scerri staqsa fuq kif bqajna fuq il-kwarela tal-Waste Collection. Is-Sindku qalet li l-ispettur tal-Crime ma kienex jiflaħ dan l-aħħar u għadna qed nistennew risposta.

6.3 Is-Sur Massimo Scerri staqsa kif bqajna fuq il-kwistjoni tal-flooding ta' Triq San Anton. Is-Segretarju qalet li ħa nerġgħu nidhru il-Qorti fit-30 ta' Novembru 2015 għal l-ahħħr darba u jekk jerġgħa ma jiġix notifikat il-Perit John Rizzo Naudi, din ser taqa.

6.4 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant staqsa fuq il-kwistjoni ta' l-Antenna imma fuq din ma għandna l-ebda update.

6.5 Il-Minority Leader staqsa x'konna bagħtna lill-Waste Collection. Kienu intbagħtu żewġ warnings. Il-Kunsilliera qablu li dawn l-aħħar tlett xhur ma kienx hemm problemi fuq il-ġbir ta' l-iskart. Il-Minority Leader qal li kieku kien Kunsill serju kien iwaqqfu meta hu kien ġie aggredit minnhom. Huwa qalli kien għamel rapport lill-Pulizija imma l-Kunsill qatt ma għamel xejn fuq dan l-inċident.

6.6 Il-Kunsilliera tkellmu li r-residenti qed joħorġu ħaxix kuljum u anke qed jarmu żibel eżatt taħt is-signs li jgħidu 'Tarmix Żibel Hawn' barra li qed joħorġu żibel mhux fil-ħin.

6.7 Il-Kunsilliera Stephanie Cutajar qed tesiġi li t-tort huwa kollu kemm hu tal-Kunsill. Hija qed tistaqsi jekk hux qed nissorveljaw ir-rotta tal-knis. Is-Segretarju nfurmat li l-Contracts Manager jissorvelja l-knis u anke l-bins. Ġie deċiż li s-Segretarju għandha tmur hi personalment tagħmel *spot checks*. Is-Segretarju nfurmat li hija ta' sikwit toħroġ tagħmel *spotchecks* fejn ikun hemm bżonn.

6.8 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia, tkellmet fuq il-ħajt fi Triq Annibale Preca li waqa' li huwa perikoluż. Azzjoni ittieħdet mill-uffiċċju għal draba u darbtejn u ser inkomplu insostnu fuqha.

6.9 Hija tkellmet fuq il-yellow lines ta' Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela li dawn qegħdin hemm u għandhom bżonn isiru refreshed. Hija ikkonfermat li dawn qegħdin hemm imma ma jidhrux għax tħamġu. S-Segretarju qalet li ser tiċċekkja mal-ħaddiema biex dawn isiru.

6.10 Is-Sinjorina Lorranie Farrugia qed tisuġerixxi li jintbagħat il-Warden tar-ronda xi darba filgħodu f'dik it-triq.

6.11 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa fuq il-Caravan li hemm ħden id-dar tiegħu. Is-Sindku qalet li hija irraportatu lill-Pulizija u dan huwa camper u mhux caravan. Dan jista' jipparkja kemm irid biss fil-weekend irid jiċċaqlaq minn hemm billi jmur dawra u wara jista' jerġgħa jipparkja fl-istess post. Jekk ikun ipparkjat fuq yellow lines biss, dan għandhu jitneħħa.

6.12 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li fi Triq il-Mitħna qed ikun hemm Truck kbir ħafna ipparkjat għax qed jaħdmu hemm. Veru li mhux qed jagħlaq it-triq, imma hija qed tistaqsi jekk hux normali li jsir hekk. Irridu niċċekkjaw fuq dan rigward *health and safety*.

6.13 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa biex nagħmlu d-data biex jiġi nawgurat il-Culvert *Catch the Drop Campaign* mill-HSBC fi Triq Giovanni Barbara. Din ser issir fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss għalhekk il-Kunsill iddeċieda li l-laqgħa li jmiss tkun nhar il-Ħamis 12 ta' Novembru 2015 fil-5.00p.m. Għalhekk l-inawguration ser isir dakinhar tal-laqgħa fl-4.00p.m. fit-12 ta' Novembru 2015 stess. Ġie deċiż li l-laqgħa tal-Kunsill ta' Diċembru ssir nhar it-Tlieta 15 ta' Diċembru 2015 fil 5.00p.m.

6.14 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsilliera li ser jittiehed group photo tal-Kunsill dakinhar tal-Hamis 12 ta' Novembru 2015.

6.15 Ġie deċiż li l-laqgħa mar-residenti fuq il-Lija plans ta' Prof. Maria Attard ssir nhar il-Ħamis l-10 ta' Diċembru 2015 fis 6.00p.m. Għandna nistaqsu lill-Prof Maria Attard qabel ma ninfurmaw lir-residenti.

6.16 Il-Minority Leader staqsa fuq il-problema tal-parking fuq il-bankina fil-pjazza. S-Segretarju nfurmat li ntbagħtet ittra lir-residenti biex ma jipparkjawx iktar hemm għax jekk jerġgħu isiru il-bollards u l-katina ikun hemm problema biex dak li jkun jgħaddu bil-wheel chair. Ġie deċiż li nerġgħu nitkellmu mar-residenti u anke isir il-katina bil-bollards. Għandhom jiġu konsultati l-ħaddiema tal-Kunsill biex naraw kif din tista tiġi implimentata.

6.17 Fuq il-bankina taz-zuniter f'Tal-Mirakli għandu jintbagħat Warden tar-ronda filgħodu għax qed ikun hemm ħafna karozzi ipparkjati hemm.

6.18 Il-Minority Leader staqsa fuq id-dawl taz-zebra crossings. Is-Segretarju nfurmat li dan ordnata mingħand il-Koptasin u li hi tkellmu kważi kuljum biex jibagħat din il-kwotazzjoni.

6.19 Fuq il-Pama, fi Triq Pantar għandhna nitkellmu ma' l-owner u nistaqsuh kemm u fejn u kemm ħallas permessi.

6.20 Il-Minority Leader staqsa fuq il-complaint li huwa kien għamel fuq lil min idaħħlu 'l-pool' tal-university residence peress li l-nies mhux qed iġibu ruħhom sewwa. Is-Segretarju qalet li lill min kellmet qal li huma ma għandhomx kontroll fuq din is-sitwazzjoni imma issa l-istaġun għalaq.

6.21 Fuq il-complaint ta' resident li qed tipparkja fin-nofs ta' Triq Il-Kuncizzjoni, il-Minority Leader qal li din mhiex ġustifikata

6.22 Il-Minority Leader ressaq complaint li faċċata tal-Garfields qed iħallu kelb jiġri fuq il-bejt u li qed jinbaħ u qed idejjaq lir-residenti. ghandna ngħidu lir-residenta li jekk ma jriduħux hemm min jieħdu.

6.23 Is-Sur Massimo Scerri staqsa fuq ix-xogħolijiet li saru min residenti Stickland fl-isqaq ta' Triq Id-Dejqa fejn kellu jiġi iċċekkjat jekk ma saretx ħsara wara li ilestu. Skond is-Sindku u l-Kunsilliera oħra dawn ix-xogħolijiet għandhom mhux lesti imma dan għandu jiġi iċċekkjat għax jekk saret xi ħsara din għandha titħallas lill-Kunsill.

6.24 Il-Minority Leader staqsa fuq ir-reklami tat-toroq x'kien ġara. S-Segretarju nfurmat li dawk ir-reklami li ma tħallsux inqalgħu mill-ħaddiema tal-Kunsill. Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet jekk hux it-tabelli kollha żgur inqalgħu. Dan għandu jiġi iċċekkjat. Is-Segretarju nfurmat li anke 'No hooting signs' li saru bla permess inqalgħu.

6.25 Fuq il-bye-laws,is-Segretarju nfurmat li dawn qegħdin għall-pubbliku imma s'issa ħadd ma ġie biex jarhom.

## 7. APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

7.1 Is-Segretarju nfurmat li debtors bħalissa qegħdin madwar €20,000 u jekk kollox imur sewwa, il-kuntratti jitħallsu kollha f'Novembru 2015.

7.2 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant staqsa fuq il-pagament tal-Van tal-Kunsill, peress li kull xahar l-ammont li jitħallas għad-diesel dejjem qed ikun l-istess ammont. Għandu jiġi iċċekkjat dan il-ħlas għaliex isir standard kull xahar u isiru bic-chits u jitħallas by cheque.

7.3 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar fuq pagament nr 19 lill-Bitmac Ltd. peress li hija qegħeda tahseb li jkun hemm żball. Wara li s-Segretarju iċċekkjat l-invoices infurmat li kollox kien sewwa.

7.4 Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat mis-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi, il-pagamenti ġew approvati. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ma approvatx il-pagamenti tal-Waste Collection filwaqt li l-Minority Leader ma approvax ebda pagament peress li ma kienx jaqbel ma iktar minn wiehed. Dawn kienu jinkludu tal-Waste Collection, tal-Contracts Manager ghaliex din l-issue ilha hafna biex tigi solvutaġ u tal-maid tal-kunsill ghaliex mhuwiex car jekk dan il-hlas ghandux isir kif qieghed isir.

## 8. TMIEM

Is-Seduta imtemmet fit-8.05 hrs b'mod unanimnu.

| | |
|---|---|
| Magda Magri Naudi | Georgette Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |